MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 210/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima ghal diversi snin u minn liema relazzjoni twieled ED nhar il-21 ta’ Ottubru 2001 skont l-anness certifikat Dok 1;

Illi l-partijiet ma baqghux iktar f’din ir-relazzjoni minhabba ragunijiet imputabbli ghall-intimat u ghalhekk m’ghadhomx jikkoabitaw flimkien;

Ilil sa mit-twelid l-intimat ftit li xejn ikkontribwixxa ekonomikament ghall-manteniment tal-minuri u ghadu sal-lum ma jhallasx manteniment u dan minkejja illi ghandu access liberu u ampju lejn il-minuri;

Illi l-minuri jghix ma l-esponenta li ghandha il-kura u kustodja effettiva ta’ l-istess minuri;

Illi minkejja li saret medjazzjoni din irrizultat fin-negattiv billi l-intimat naqas milli jidher ghas-seduti u kwindi kellha issir din il-kawza;

Illi ma hemm l-ebda possibilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Talbet ghar-ragunijiet hawn permessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Takkorda b’mod esklussiv il-kura u l-kustodja tal-minuri ED f’idejn l-esponenta;
2. Takkorda manteniment a favur ta’ l-esponenta ghall-minuri ED
3. Tordna lill-intimat ihallas lill-esponenta dak il-manteniment li din il-Qorti joghgobha takkorda fit-talba numru 2;
4. Tordna li l-intimat ihallas il-manteniment b’mod retroattiv sa mit-twelid tal-minuri ED, billi l-intimat ftit li xejn ikkontribwixxa ekonomikament ghall-minuri;
5. Tordna lill-intimat ihallas ukoll l-ispejjez medici u skolastici tal-minuri billi l-istess minuri ibghati mill-kundizzjoni maghrufa bhala ADHD u kwindi jehtieg hafna kura medika u psikjatrika;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustodja tal-minuri E fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tkun fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess minuri, b'dan li qed titlob li jkun hemm ordni ghall-hlas ta' manteniment, inkluzi l-arretrati sa' mit-twelid tal-istess minuri u cioe' l-21 ta' Ottubru 2001. L-intimat min-naha tieghu, minkejja li huwa debitament notifikat bl-atti tal-kawza, ma jipprezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Verzjoni tar-rikorrenti</u>**

Permezz tax-xiehda taghha[1], l-attrici tiddikjara li flus il-bank m'ghandhiex u tghix bl-ghajnuna socjali. Tikkonferma li l-minuri E dejjem ghex maghha b'dan li l-intimat ilu ma jhallas manteniment ghal madwar erba` snin b'dan li s-somma li kien ihallas l-istess intimat kienet tkun dik ta' mija u hmistax –il Euro (€115) fix-xahar. Tghid li bejn skola u hajja tonfoq madwar tliet mitt Euro (€300) fix-xahar. Tiddikjara li taqla' l-ammont ta' tliet mija, sebgħa u disgħin Euro (€397) fix-xahar u tircievi *childrens' allowance* ta' mitejn u tmienja u tmenin Euro (€288) kull tliet (3) xhur. Tghid li ma tafx jekk l-intimat jahdimx pero' tiddikjara li ghandha l-ghajnuna finanzjarja ta' bintha l-kbira.

Permezz tax-xiehda ulterjuri taghha[2], l-attrici tipprezenta ricevuti ta' spejjez li ghamlet ghall-minuri binha mis-sena 2010 sas-sena 2014. Tiddikjara li Dok. CF4[3] (fl-ammont ta' elf, tmien mija, tlieta u tmenin Euro u tmenin centezmu (€1883.80)) huwa rendikont ta' kollox.

## Il-Provi Migbura

Permezz tax-xiehda tieghu, Joseph Saliba bhala rapprezentant tal-ETC, jipprezenta l-*employment history* tal-partijiet[4] li juru li l-intimat ilu ma jkun impjegat sa' mis-sena 2003 filwaqt li l-attrici m'ghandhiex impjieg ukoll.

Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jghid li l-attrici tiehu *relief* filwaqt li l-intimat jiehu l-beneficcju tal-qaghad[5].

Stephanie Mizzi, *social worker* mal-Agenzija Appogg, tghid li bdiet issegwi lill-attrici f'Awwissu 2011. Tghid li kienet tiltaqa' maz-zewg partijiet biex jiddiskutu fuq il-minuri peress li kellu attitudni daqsxejn

[1] Datata t-22 ta' Ottubru 2014 esebita a fol 24 tal-process
[2] Datata l-11 ta' Dicembru 2014 esebita a fol 30 tal-process
[3] Esebit a fol 44 tal-process
[4] Ara Dok. ETC1 u ETC2 esebiti a fol 39 – 43 tal-process
[5] Ara Dok. DSS1 – DSS3 esebiti a fol 33 – 38 tal-process

difficli, b'dan li l-intimat ma kien joffri ebda sapport lill-istess attrici fit-trobbija tal-istess minuri. Lanqas ma kien ihallas manteniment. Tghid li l-intimat dejjem sahaq li ghaddej minn perjodu difficli u li ma kellux minn fejn ihallas manteniment ghaliex ma jahdimx izda tghid ukoll li kien jghix ghal rasu bil-kera.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>**

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[6] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[7] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[8] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

In vista ta' dak suespost u in vista tal-provi esebiti in atti jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat ftit li xejn wera interess f'ibnu, tant li kemm ir-rikorrenti kif ukoll is-*social worker* tghid li la kien joffri sapport u lanqas ma kien joffri manteniment. Min-naha l-ohra jidher li r-responsabbilita' assoluta tal-istess minuri waqghet fuq l-attrici. Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li l-attrici hija idoneja sabiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri. Dan qieghed jinghad mhux ghax l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri izda ghaliex mill-assjem tal-provi m'hemm xejn x'jista' jindika li r-rikorrenti m'hijiex qed trabbi lill-minuri b'mod tajjeb. Anzi bil-kontra jirrizulta li minhabba l-attitudni tieghu, haditu ghall-ghajnuna ghax irrealizzat li kellu bzonnha. Din hija prova oggettiva li l-attrici ghandha ghal qalbha l-ahjar interessi ta' binha. Kienet ir-rikorrenti li tul dawn is-snin kollha hadet hsieb lill-minuri. Tenut kont li ma jirrizulta xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti li l-minuri jista' jigi pregudikat jekk ikompli jitrabba minn ommu kif wara kollox ilu jaghmel ghal dawn is-snin kollha, anzi jinghad li *se mai* il-pregudizzju jkun jekk ma tkomplix jghix ma' ommu, l-

[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Qorti m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tilqa' l-ewwel talba attrici.

**Dwar il-manteniment**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li mill-atti jirrizulta li z-zewg partijiet ma jahdmux. L-intimat jiehu l-ghajnuna tal-qaghad filwaqt li l-attrici tghix bir-*relief* u c-*childrens' allowance*. Is-sitwazzjoni taz-zewg partijiet hija wahda li l-Qorti tispera u tittama li titranga, jekk xejn, fl-ahjar interess tal-minuri. Izda jidher li minkejja dan, l-attrici, anke bl-ghajnuna ta' bintha, qed taghti hajja tajba lill-istess minuri E. Zgur li ma jistax jinghad l-istess dwar l-intimat li skond dak li tiddikjara l-attrici, ilu ma jhallas manteniment sa' mis-sena 2010. Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li kwistjonijiet ta' manteniment huma preskritti b'hames snin. Huwa minnu li l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma intavola ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni dwar il-manteniment mitlub sa' minn zmien it-twelid tal-istess minuri, izda l-Qorti thoss li m'huwiex ekwu li t-talba tal-attrici ghall-manteniment tigi milqugha ghal dan iz-zmien kollu. Ghalhekk, il-Qorti ser tiffissa l-arretrati dovuti mill-intimat limitatament ghal hames (5) snin bir-rata ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar li jammontaw ghal tnax –il elf Euro (€12,000).

Wara li rat id-dokumenti esebit in atti, tenut kont tal-fatt li l-minuri ser ikompli jirrisjedi flimkien mar-rikorrenti ommu u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet m'ghandhomx impjieg, il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi l-manteniment li ghandu jibda jivversa l-intimat ghal ibnu huwa dak ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Il-Qorti taghmilha cara li tenut kont tal-fatt li l-intimat ma juri ebda interess lejn ibnu, ma jkunx ghaqli li l-attrici tipprova tiġbor dak li huwa dovut kwantu ghall-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni permezz ta' ricevuti. Huwa aktar ekwu u gust u fuq kollox prattiku li l-manteniment stabbilit ikun jinkorpora fih l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri, anke ghal finijiet ta' ezegwibbilita' tal-istess.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E D f’idejn ir-rikorrenti b’mod esklussiv;

2. Tilqa’ t-tieni talba u takkorda manteniment favur l-attrici ghall-minuri E D fl-ammont ta’ mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba’ (4) ġimgħat;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas lill-attirici s-somma ta’ mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba’ (4) ġimgħat rapprezentanti l-manteniment dovut ghall-minuri;

4. Tilqa’ r-raba’ talba limitatament ghal dawn l-ahhar hames (5) snin u cioe’ tordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ tnax –il elf Euro (€12,000) bhala arretrati ta’ manteniment versu l-minuri;

5. Tichad il-hames talba *stante* li l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni huma inkluzi fil-manteniment stabbilit u ordnat;

Ft. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------